MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 538/2003

**Middlesea Insurance plc**

**Vs**

**D.A. Holdings Limited**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2003 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha (1) s-somma ta' tlett elef disgha u sebghin lira Maltin (LM3979.0) rapprezentanti danni li gew kagunati fil-lukanda Hotel Kennedy Nova f'The Strand Gzira bejn it-tmienja w ghoxrin (28) w id-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 1999 minhabba dhul ta' ilma derivanti mill-proprjeta adjacenti sitwata f'120, The Strand, Gzira, liema danni gew kagunati minhabba, negligenza u traskuragni minn naha tas-socjeta konvenuta li ma haditx il-prekawzjonijiet necessarji waqt li kienu qieghdin isiru xoghlijiet fil-proprjeta sitwata f'120 The Strand, Gzira u dan kif jirrizulta

mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. MS 1 u (2) is-somma ta' tlett mija wiehed u hamsin lira Maltin (LM351) rapprezentanti l-ispejjez tas-*survey* hawn anness u mmarkat bhala Dok. MS 2.

Bl-imghax legali fuq is-somma ta' LM3,979 mid-data tal-ittra ufficcjali tat-tmienja (8) ta' Novembru 2001 li sal-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2003 jammonta ghal LM629 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-tmienja (8) ta' Novembru 2001, kontra s-socjeta konvenuta li hi r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti 'n subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn esponiet is-segenti:-

Illi l-ammont mitlub huwa ezagerat w in oltre is-*survey fees* m'humiex dovuta mill-eccipjenti stante li dawn saru esklussivament mis-socjeta attrici proprio ghall-beneficcju taghha nnifisha u ma saret l-ebda surroga da parti tal-assigurat favur taghha fir-rigward ta' l-istess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**John Lentini** Claims Manager tas-socjeta assikuratrici Alcare Insurance, li hija l-agent tas-socjeta MiddleSea Insurance, xehed nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2004 u stqarr li il-lukanda Kennedy Nova li qieghda f The Strand, Gzira, hija wahda mill-klijenti tas-socjeta tieghu. Qal li din il-lukanda kienet koperta b'polza ghall-hsarat kawzati minn xi maltempata u fil-fatt kienet ghamlet *claim* ghaliex qalet li bejn il-lejl tat-tmienja w ghoxrin (28) w id-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 1999 hija kienet sofriet xi danni.

Jghid li mbaghad a bazi tal-polza, huma kkalkulaw l-ammont li kellu jkun dovut ghad-danni li sofriet il-lukanda u s-socjeta minnu rapprezentata halset is-somma ta' tlett elef, disa mija, disgha u sebghin lira ghas-saldu tad-danni, u l-klijenta taghhom issurrogat lis-socjeta assiguratrici fid-drittijiet taghha skond kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. JL 1.

Jghid li s-*survey* sar mis-socjeta St. Paul Survey Co. Ltd u tinsab esebita a fol. 2 tal-process u s-socjeta attrici halset is-somma ta’ tlett mija wiehed u hamsin lira ghal din is-*survey*.
Jispjega u jghid li l-*claim* kienet giet processata minn Audrey Sant, illi kienet tokkupa l-kariga ta’ Claims Manager qablu, ghalkemm ma kienitx ghada qed tahdem mas-socjeta attrici. Jghid in kontr’ezami li effettivament ma jafx jekk ix-xoghlijiet ta’ reparazzjoni sarux jew le, izda kkonferma li l-*claim* saret dakinhar stess li avverat ruha l-hsara.

Jghid li huwa sar jaf li kienet saret *claim* minghand il-*brokers* taghhom u cioe l-United Insurance Brokers fejn gew infurmati li kien hemm hsara kawzat minn perkolazzjoni ta’ ilma u dan permezz ta’ *fax* mibghuta lilhom datata disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru.

Jispjega illi huma kienu accettaw l-adjestment li kien ghamel is-*surveyor*. Jghid li kienu kkorrispondew mal-Underwriter tas-socjeta konvenuta w ghalkemm ma nnegawx r-responsabilita, sabu li l-ammont imsemmi fl-istima maghmula fuq inkarigu taghha, kien esagerat. Jghid li kienu kkontestaw l-ammont li huma stabilew ghal *non use* tal-kmamar tal-lukanda u huma kienu qablu maghha. Tant hu hekk, li fil-fatt huma ma taw l-ebda kumpens ghall-*loss of use* tal-kmamar tal-lukanda. Mistoqsi jekk il-konvenuti allegawx li seta’ kien hemm infiltrazzjoni minghand proprjeta ta’ terzi, jghid li ma jidhirlux ghalkemm jikkonerma li kienu imputaw li certi hsarat ma kienux ta’ responsabilita tal-klijent taghhom.

Jikkonferma li l-lukanda ma tmissx ma bini tas-socjeta konvenuta. Jghid wkoll li huwa ghadda lis-*surveyor* imqabbad minnu, l-ilmenti li rcevew mill-Underwriter tas-socjeta konvenuta, liema lmenti kienu rcivewhom minghajr pregudizzju dwar il-kwistjoni ta’ responsabilita. Jghid li l-Underwriters tas-socjeta konvenuta kienu offrew bla pregudizzju li jhalsu s-somma ta elf lira Maltin (LM1,000).

**Il-Perit Dennis Camilleri** xehed fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2004, fejn qal illi huwa kien gie mqabbad minn Chris Hayes tas-socjeta St. Pauls Survey Co. Ltd, sabiex jispezzjona allegat hsara li kien hemm fil-lukanda Kennedy Nova kawzat minn perkolazzjoni ta' ilma. Huwa kkonerma r-rapport tieghu datat sittax (16) ta' Frar 2000 immarkat bhala Dok. MS 2 esebit a fol. 5 tal-process, minn fejn jirrizulta li fil-fehma tieghu, l-ammont ta' hsarat kien erbat elef tnejn u tletin lira u hamsin centesmu minghajr VAT (LM4032.50).

Huwa kien kkonstata li kien tiela bini li qed jappoggja mal-lukanda 'n kwistjoni u dan il-bini ma kienx uza l-hajt tal-lukanda bhala l-hajt divizorju, imma kien tella' qoxra ghalih u minhabba x-xita li kienet nizlet kien dahal l-ilma bejn il-qxur u ddeposita ruhu fil-qiegh fejn kien hemm l-maggior parti tal-hsarat. Jghid li l-hitan ta' fuq kienu wkoll imxarbin u wiehed seta' jara l-effett tat-tixrib fuq iz-zebgha.
Jghid li kien pprezenta diversi rapporti ulterjuri u kull ma ghamel b'dawn ir-rapporti kien li jipprecisa f'aktar dettal l-istimi li kien hareg wara diversi nkontri li ghamel ma kuntratturi li kienu spezzjonaw l-hsarat. Jghid li wara ma kienx mar biex jara jekk ix-xoghol kienx sar. Huwa esebixxa r-rapport originali tieghu li gie markat bhala Dok. DC 1, flimkien ma folja ohra ndikattiva ta' kif wasal ghall-ammont finali ta' LM4032.50 kif fuq imsemmi.

Bhala Dok. DC 2 huwa esebixxa r-rapport ulterjuri tieghu datat tnejn w ghoxrin (22) t'Awissu 2000, rapport iehor datat tlettax (13) ta' Settembru 2000 li gie mmarkat bhala Dok. DC 3 w ir-risposta tieghu datata erbgha (4) t'Ottubru 2000 ghall-fax tas-*surveyor* datat tlieta w ghoxrin (23) ta' Settembru 2000 immarkat bhala Dok. DC 4.

Jghid li sakemm ghamel l-ewwel spezzjoni sab li sid il-lukanda kien diga zebagh mill-gdid il-hitan tal-kmamar, pero il-pjan terren kien ghadu kif kien. Ikkonferma wkoll li minn fuq il-bejt seta' jezamina wkoll il-kostruzzjoni li kienet qeghda ssir fis-sit adjacent. Jghid li kien hemm blokk ta' bini li kien kwazi lest, hlief li s-sular ta' fuq kien ghadu *in shell form*. Qal li kien gara hu li ma kienux ghalqu l-ispazju bejn iz-zewgt iqxur ta' hitan. Huwa ma jistax jghid jekk il-

blokk kienx bicca wahda jew jekk kienx fit-tieni stadju tal-izvilupp. Huwa ma dahalx biex jezamina ta' min kienet il-proprjeta adjacenti, ghalkemm ikkonferma li d-danni fil-lukanda li ezamina, kienu kollha derivanti minn dan id-difett kif fuq spjegat. Jghid li fuq il-bejt tal-lukanda Kennedy Nova kien hemm *swimming pool,* pero ma jafx li kien hemm xi problemi f'dan ir-rigward.

In kontr'ezami nhar is-sbatax (17) ta' Gunju 2004, mistoqsi dwar ir-referenza li saret minnu dwar ksur ta' mirja, jghid li huwa kien ikkonkluda li l-mirja kienu nqasmu minhabba moviment fil-hajt tal-blokka li kienet qed tinbena adjacenti. Jghid li testijiet sabiex jara jekk l-ilma kienx ipprovoka l-moviment biex inqasmu l-mirja m'ghamilx, ghalkemm ikkonkluda li l-moviment kien provokat mill-*water infiltration* ghax kienet ghamlet xita qawwija. Huwa konxju wkoll li l-bini li kien qed isir, kien qed isir f'pedament separat w ghalhekk, anke qoxra separata kellu izda meta sar moviment, il-moviment sar fuq il-pedament mal-blat taht il-bini. Jghid li r-rapport tieghu ghamlu fix-xahar ta' Frar 2000 u l-maltempata kienet saret f'Novembru 1999.

Qal li mal-klijenti tieghu ma kienx ivverfika dwar l-gurnata ta' meta kienu nqasmu il-mirja, izda l-mirja kien rahom hu maqsuma. Jghid li kienu mirja imwahhlin mal-hajt, u kienu imdawra bl-injam. Jghid li dwar il-pedamenti tal-Kennedy Nova Hotel ma jaf xejn pero ghalkemm il-pedament tal-blokka adjacenti ghandha pedament totalment separat minn dak tal-Kennedy Nova Hotel kwalunkwe moviment fil-pedament ta' wiehed mill-proprjeta, jinhass fl-iehor ghaliex l-proprjeta hija *terraced development*. Jikkonferma u jghid li ghalkemm l-i*structure* tkun separate, l-moviment fl-art jaffettwa z-zewg binjiet. Jghid li l-pedament tal-postijiet in kwistjoni, huma mxarrba ghaliex huma hdejn il-bahar. Assuma li l-moviment sar minhabba l-kwistjoni tax-xita minhabba l-vicinanza fiz-zmien.

**Chris Hayes**, Insurance Surveyor xehed nhar is-sbatax (17) ta' Gunju 2004 u kkonferma li kien hu li ghamel il-*final report* fuq id-danni li rrizultaw fil-Kennedy Nova Hotel kawzati minhabba il-maltempata, jghid li kien gie

mqabbad biex jghamel dan ir-rapport mis-socjeta Alcare Insurance Agency Ltd. Huwa kkonferma il-kontenut tar-rapport tieghu esebit a fol. 2 tal-process immarkat bhala Dok. MS 1.

Jghid li huwa sar jaf b'din il-*claim* fil-lejl tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Novembru 1999 meta Tony Chircop li kien imexxi l-lukanda Kennedy Nova kien cempillu filghaxija w infurmah li kien qed ikollu perkolazzjoni ta' ilma u proprju fir-*reception area* u fuq dik in-naha tal-lukanda li kienet qed tappoggja mal-bini gdid li kien tiela. Jghid li dakinhar kienet gurnata ta' xita qawwija. Jghid li l-bini il-gdid kien tas-socjeta Globe. Huwa ghalhekk kien idderiga lis-Sur Chircop sabiex jaghmel il-*claim* u huwa kien gie appuntat sabiex ihejji s-*survey* relattiv.

Huwa mar fuq il-post u seta jikonstata li kien hemm hafna hitan li jmissu mal-proprjeta Globe li kienu mxarrbin. Beda jinnota li fil-gimghat ta' wara kien hemm hsara fil-*cladding* ossia fil-qoxra u kien ghalhekk li kien qabbad perit sabiex jaghmel rapport tekniku dwar il-kagun tal-hsara li kkonstata. Jghid li 'n effetti kien il-Perit Camilleri li kien ghamel dan ir-rapport u ta stima tal-hsarat li kien hemm u tan-natura taghhom. Ir-reparazzjonijiet fil-fatt saru.

Jghid li principalment huma kkoncentraw l-istima tal-hsra fuq zewg fatturi u cioe fuq il-hsara fil-*cladding* u fuq il-ksur tal-mirja. Jispjega wkoll li kien hemm xi hsara fil-kmamar u kien hemm xi zmien meta l-lukanda Kennedy Nova kienet qed tippretendi xi kumpens ghall-*loss of use* tal-kmamar ghaliex riedet li jkun hemm tibjida gdida. Jghid li kien hemm hsara wkoll fis-*suspended ceiling* li kien hemm fil-*lobby area* pero peress li l-attur ma kienx persistenti fuq dan kollu, kkoncentraw biss fuq il-kwistjoni tal-*cladding* u tal-mirja. Qal li l-attur kien qabbad lis-socjeta Rotin dwar il-kwistjoni tal-*cladding* sabiex jaghtuh stima tal-hsara u fil-fatt kienet taghtu stima fl-ammont ta' circa erbat elef u sitt mitt lira Maltin (LM4,600), inkluz VAT, kif jirrzulta mid-dokument CH 2 esebit fil-process, izda wara xi zmien is-socjeta Rotin irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tlett elef u erbgha mitt lira Maltin (LM3,400), kif jirrizulta minn

ezami tad-dokument CH 3. Huwa esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. CH 4 li huwa *breakdown* li l-istess kumpanija tathom sabiex jiggustifika l-ammont imsemmi fid-dokument CH 3.

Jispjega u jghid li fid-dokument CH 4, is-socjeta Rotin kienet ghamlet stima ghal bdil tal-*cladding* fir-*reception* li ma kienx garrab hsara w ghalhekk huma ghamlu *adjustment* u nizlu l-ammont tal-*claim* ghas-somma ta' sitt mija u wiehed liri Maltin w ghalhekk huma accettaw li jikkumpensaw lill-assikurat taghhom ghax-xoghol fil-*cladding* tal-hitan, fis-somma ta' elfejn tmien mija u dsatax-il-lira, bil-VAT inkluz, anzi jghid li din il-figura kienet minghajr il-VAT, ghaliex l-assigurat kien jiehu l-VAT lura.

Jispjega li oltre l-*cladding* kien hemm ukoll hsara fil-mirja fis-sens li bdew jixxelfu minhabba li l-injam, li kien imwahhal mal-hajt kien ixxarrab w ghalhekk il-mirja kkrakjaw. Ghal din il-hsara huma approvaw stima ta' elf, mija u sittin lira maltin (LM1,160). Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. CH 6, li huwa *breakdown* ta' kif waslu biex approvaw hlas ta' kumpens ta' tlett elef, disgha mija u sebghin lira Maltin (LM3,970).

Huwa esebixxa wkoll rapport mahrug mill-Meterological Office dwar it-temp kif kien fix-xahar ta' Novembru 1999 li gie mmarkat bhala Dok. CH 7.

In kontr'ezami jghid li huwa dejjem ikkonsulta ruhu mal-Perit Dennis Camilleri dwar l-ammonti li gew approvati. Jghid li ma jiftakarx jekk kienx baghat kopja tal-istima riveduta lill-Perit meta kien qed jikkorrispondi mas-socjeta Gasan Mamo, is-socjeta assikuratrici tas-socjeta konvenuta. Ghalkemm jiftakar li kellu diversi nkontri personali mad-Diretturi ta' din is-socjeta fuq din il-pendenza. Jikkonferma wkoll li sa fejn jaf hu, s-socjeta GasanMamo ma qabditx perit taghha biex taghmel stima.

**Anthony Chircop** Direttur tas-socjeta Strand Holdings Limited xehed nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2005 u qal li s-socjeta minnu rapprezentata ilha tiggrestixxi l-Kennedy Nova Hotel sa mis-sena 1999.

Ikkonferma li bejn il-lejl tat-tmienja w ghoxrin (28) w id-disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru 1999, kienet nizlet hafna xita minhabba maltempata qawwija li hakmet lil pajjiz u kien hemm impjegat tieghu li cempillu u qallu li kien dahlilhom hafna ilma fil-lukanda. Huma rrimedjaw din il-problema kif setghu, sabiex inaqqsu l-perkolazzjoni tal-ilma, pero l-ilma baqa’ diehel. Spjega li magemb il-lukanda tieghu, kien hemm bini li kien ghadu ma giex imsaqqaf, ghaliex kellu kwistjoni mal-MEPA dwar xi permessi. Ikkonferma li l-hsarat kienu kollha mal-hajt tal-appogg ta’ dan il-bini l-gdid. Ikkonferma wkoll li bejn il-hajt tal-lukanda tieghu u l-bini gdid, kien hemm spazju u kien proprju minn dan l-ispazju, li dahal l-ilma minn fuq il-bejt ta’ dan il-bini gdid.

Huma ghalhekk iddrilljaw dan il-hajt tal-appogg u minnu hareg hafna ilma li kien migbur. Kien ghajjat lis-sidien tal-fond li marru fuq il-post flimkien mal-perit taghhom David Pace. Jghid li kien cempel ukoll lis-socjeta assiguratrici tieghu. Ikkonferma li l-hsara kienet fil-*cladding* mal-hitan u fil-mirja. Jghid li r-reparazzjonijiet saru taht id-direzzjoni tal-perit taghhom, kif ukoll taht id-direzzjoni tal-perit tal-kumpanija assiguratrici, kif ukoll ta’ *surveyor*.

Huwa esebixxa dokument li gie markat bhala Dok. AC 1, li huwa ricevuta tal-mirja li kellu jixtri ghas-sostituzzjoni ta’ dawk li kienu danneggjati. Huwa gie muri d-dokument CH 6 a fol. 89 tal-process w ikkonferma li s-somma hemm murija, hija dik imhallsa lilu mis-socjeta assiguratrici. Jghid li pero s-sidien tal-*plot* adjacenti, qatt ma marru sabiex jikkonsultaw fuq il-*claim* in desamina.

In kontr’ezami nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta’ Jannar 2006 jghid li d-dokument esebit a fol. 105 immarkat bhala Dok. AC 1, m’huwiex ricevuta ta’ dak li hallsu lil Mirja Limited, izda huwa l-prezz li kien gie kwotat minn dik il-kumpanija. Ghalkemm huwa kien hallas dak l-ammont muri f’dak id-dokument, kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 126. Spjega li t-toqob li kien ghamel fil-hajt tal-appogg, kien ghamlu fil-*ground floor level* tal-lukanda fil-*lounge*. Jghid ukoll li l-bini adjacent kien tiela b’certu ritmu qatt ma kien wieqaf ix-xoghol salv meta gie ghall-bejt, fejn ix-xoghol

waqaf u dak li sar ma sarx skond is-sengha u l-arti. Jghid li passi kontra Globe ma hax sabiex izommha responsabbli ghad-danni li sofriet il-lukanda. Cahad li huwa kien involut f'xi tibdil ta' korrispondenza bejn socjetajiet assiguratrici. Ikkonferma li l-Perit Pace, li kien jirrapprezenta s-socjeta konvenuta, kien mar fuq il-post aktar minn darba u fil-fatt anke attenda ghal xi laqghat li kien hemm ma l-izviluppaturi tal-bini adjacent. Ikkonferma li fuq il-post kienu marru wkoll il-Periti Alfred Grech u Dennis Camilleri.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru 2005 is-socjeta konvenuta pprezentat affidavit ta' **John Galdes**, Senior Manager tas-socjeta GasanMamo Insurance Limited li gie mmarkat bhala Dok. JG. F'dan l-affidavit jikkonferma li s-socjeta konvenuta kienet inxurjata maghhom taht polza ta' assigurazzjoni Contractors All Risks u dan relattiv ghall-izvilupp li kienu qed jaghmlu konsistenti fi kostruzzjoni ta' xi bini, liema polza bdiet mid-disgha (9) ta' Frar 1999 ghall-perjodu ta' sena.

Fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2000 huwa kien gie nfurmat mill-assigurat taghhom, li kien ircieva ittra minghand il-Kennedy Nova Hotel, fejn gie mizmum responsabbli ghal xi hsarat li sehhew fl-istess lukanda. Huwa ghalhekk, minnufih qabbad lil Gaston Degiovanni tal-MSB Valletta Limited bhala *surveyor* sabiex jinvestiga u jaggusta t-telf ghan-nom taghhom.

Jghid li fis-sittax (16) ta' Frar 2000 l-assigurat taghhom avzah li kien ghadu kif ircieva ittra minghand Dr. Philip Manduca fl-interess tal-Kennedy Nova Hotel fejn intqal li l-lukanda kellha fuq *occupancy* izda erbgha w ghoxrin (24) kamra ma setghux jintuzaw minhabba l-hsarat rizultanti minhabba dhul tal-ilma. Ghalhekk huma qabdu l-Perit Alfred Grech sabiex flimkien mal-Perit David Pace, imorru jghamlu spezzjoni fil-lukanda minghajr pre avviz u minghajr ma jghamlu appuntament. Huwa gie infurmat li l-erbgha w ghoxrin (24) kamra li allegatament ma kienux qed jintuzaw, effettivament kienu qed jintuzaw, skond ir-rapporti esebiti fl-atti u mmarkati Dok. JG 1 u JG 2.

Meta l-Perit Grech mar fuq il-post, intwera l-hsarat u skond kif qalilhom il-Perit, dawn ma kienux jissuperaw l-ammont ta’ LM598.  In effetti l-Perit Grech ikkonkluda li wara li ezamina z-zewg binjiet, kompriz il-bini gdid li sar mill-assigurat, ma kienux direttament kontributorji ghall-infiltrazzjoni fil-lukanda Kennedy Nova.

Jghid li l-ispazju kien ilu hemm ghal certu zmien qabel il-maltemp u kienet ir-responsabilita tas-sidien rispettivi li jaccertaw li l-proprjeta taghhom tigi debitament sigillata biex ma jidholx ilma.

Sussegwentement, fid-dsatax (19) t’Awissu 2000, l-Avukat Manduca kiteb lill-assigurat fejn baghat kopja tar-rapport imhejji mill-Perit Lawrence Mintoff, liema rapport jaghmel referenza ghal varji hsarat strutturali fil-lukanda Kennedy Nova, bl-eccezzjoni tal-*cladding*, dawn il-hsarat ma kienux konnessi mad-dhul tal-ilma.

Fit-tnejn (2) ta’ Novembru 2000, Gaston Degiovanni ghamel access fil-lukanda fil-presenza tas-Sur Chircop, li huwa l-Manager ta’ l-istess lukanda w innota l-hsarat li gew elenkati fir-rapport tal-Perit Mintoff.  In segwitu, fit-tmintax (18) ta’ Dicembru 2000, ircivew ittra minghand Chris Hayes, ghan-nom ta’ Alcare Insurance, datata erbatax (14) ta’ Dicembru 2000, fejn gew infurmati li kien hemm hsara fid-*decorative limestone cladding*, mirja, dekorazzjonijiet f’hafna kmamar u kuriduri, u telf ta’ dhul minhabba li ma setghux jintuzaw erbgha w ghoxrin (24) kamra.

Minhabba li kien hemm diskrepanza bejn din l-informazzjoni u r-rapport tal-Perit Alfred Grech, iddecidew li jergghu jiltaqghu mal-Perit Alfred Grech.

Il-Perit Alfred Grech gie mitlub sabiex jaghmel spezzjoni ohra u fil-fatt hekk ghamel, w in segwitu, ghalhekk ipprezenta rapport iehor li gie mmarkat bhala Dok. JG 3. Jghid li pero waqt l-access li zamm il-Perit Gech, dan ma giex muri il-hsarat fil-mirja u dekorazzjonijiet f’hafna kmamar u kuriduri.

Fis-sitta (6) ta’ Gunju 2001, Gaston Degiovanni tal-MSB Limited, kiteb lil Chris Hayes w infurmah li l-unika *item* li kien gie approvat mill-Perit taghhom Perit Grech u li kien relatat mal-maltempata, kien il-*masonary cladding* ammontanti ghall LM125 u li l-assigurazzjoni kienet lesta li thallas dan l-ammont. Jikkonferma li kien hemm tlett *surveys* wara li kienu rcievew il-*claim* originali u cioe:

1. Tal-Perit Alfred Grech u l-Perit David Pace fid-disgha w ghoxrin (29) ta’ Frar 2000;
2. Ta’ Gaston Degiovanni fit-tnejn (2) ta’ Novembru 2000; u
3. Tal-Perit Grech tas-sebghqa w ghoxrin (27) ta’ Frar 2001.

Apparti mill-hsarat fil-*masonary cladding* ammontanti ghal LM125, l-ebda hsarat indikati minn Chris Hayes, qatt ma gew murija lir-rapprezentanti taghhom jew l-assigurat taghhom.

Fit-tmienja (8) ta’ Novembru 2001 l-assigurat kien ircieva ittra minghand is-socjeta attrici, li huma l-principali tas-socjeta Alcare Insurance Agency Limited. Fit-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Novembru 2001, l-MSB Valletta Limited baghtet ittra lil Alcare Insurance Agency Limited, fejn talbu *breakdown* tal-ammonti ta’ LM3,979.00 li kienu qed jitolbu l-Alcare Insurance minghand l-assigurat.

F’Marzu 2002, MSB Limited irceviet rapport finali ta’ Chris Hayes li kien jikkomprendi wkoll *quotation* ta’ Mirya Limited u *quotation* ta’ Rotin Limited. Fid-disgha w ghoxrin (29) ta’ Mejju 2002, huwa, flimkien ma Leslie Causon, li huwa l-Manager ta’ GasanMamo Insurance Limited, zammu laqgha flimkien ma Chris Hayes u Audrey Sant tal-Alcare Insurance Agency Limited. Infurmawhom bid-differenzi bejn dak li kienu qieghdin jitolbu huma, u dak li kien jirrizulta lilhom. Ghalhekk gie miftiehem li Chris Hayes jew Audrey Sant jibghatulhom rapport tal-perit taghhom Dennis Camilleri, peress li dan il-Perit issemma waqt il-laqgha, izda kopja tar-rapport tieghu ma kellhomx.

Jikkonferma li fil-wiehed u tletin (31) ta’ Mejju 2002 ircivew kopja nkompleta tar-rapport tal-Perit Dennis Camilleri datat sittax (16) ta’ Frar 2000, u dan billi pagna tnejn (2)

tar-rapport tieghu u cioe fejn kien hemm l-istima, kienet nieqsa. Gara li fit-tnejn (2) ta' Settembru 2002 ircivew il-pagna nieqsa. Jghid li dan kien l-uniku rapport li ircivew sabiex il-*claim* taghhom tigi sostnuta. Jghid li fil-fatt kien hemm diskrepanza kbira bejn dak li kien gir muri lil Perit Grech waqt l-access, u dak li rrizulta lil-Perit Camilleri kif rappurtat fir-rapport tieghu, u sahansitra wkoll diskrepanza bejn dak li qal l-Perit Camilleri u Chris Hayes.

In kontr'ezami nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2007 x-xhud jghid li huwa qatt ma kien gie muri xi ritratti ta' xi mirja miksura bhal dawk li effettivament kienu gew murija lilu 'n atti esebiti a fol 199. Jghid li tul n-negozjati, l-Periti ma qablux bejniethom dwar il-valur tal-hsarat. Jghid pero li fl-ittra ta' Chris Hayes datata erbatax (14) ta' Dicembru 2000, esebita fl-atti bhala Dok. CSH a fol 197, diga kien hemm indikazzjoni li kien hemm hsarat fil-mirja.

Illi nhar is-sitta w ghoxrin (26) t'April 2006 s-socjeta konvenuta pprezentat l-affidavit tal-**Perit Alfred Grech** fejn ikkonferma li huwa kien gie nkarigat mis-socjeta assiguratrici GasanMamo sabiex jispezzjona hsarat kaggunati fil-Kennedy Nova Hotel, fejn gie allegat li hemm perkolazzjoni ta' ilma billi l-lukanda lmentat li ma setghux juzaw numru ta' kmamar. Fid-disgha w ghoxrin (29) ta' Frar 2000, huwa mar fuq il-post flimkien mal-Perit David Pace u wara huwa hareg rapport datat disgha (9) ta' Marzu 2000 dwar dak li kien osserva. Huwa baghat kopja ta' dan ir-rapport lil GasanMamo u jikkonfermah fl-intier tieghu.

Jghid li fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2001 rega' mar fil-lukanda wara li kellu struzzjonijiet minghand GasanMamo, u jekk jiftakar sew, mieghu kien hemm Mr. Chircop tal-Kennedy Nova Hotel, kif ukoll il-Perit Lawrence Mintoff. F'din it-tieni vizita huwa ra hsarat strutturali li fil-fehma tieghu, kienu jirrizultaw mhux minhabba *water seepage*, izda ghaliex seta' kien hemm serhan (*settlement*) tal-bini tal-lukanda, kif hemm deskritt fir-rapport tieghu. Huwa kkwantifika dawn il-hsarat fl-ammont ta' LM2,085. Huwa hejja rapport datat disgha (9) ta' Marzu 2001. Jghid li meta ltaqa' mal-Perit Mintoff,

kellu f'idejh dan ir-rapport tat-tmienja (8) ta' Gunju 2000 w ghalhekk fir-rapport tieghu zamm l-istess sekwenza li kellu hu fir-rapport tieghu u tah opinjoni dwarhom wara li spezzjonhom wahda wahda.

Illi **Steven Delicata,** Direttur tas-socjeta konvenuta **w**koll xehed permezz t'affidavit (fol. 129) u kkonferma li l-kumpanija tieghu kienet qed tizviluppa l-arja ta' bini ezistenti li kien okkupat mis-socjeta Globe u dan f'The Strand, Gzira. Qal li kienet is-socjeta tieghu li kienet zviluppat l-ewwel hames sulari u kienet bieghethom *in shell form*. Dak ix-xoghol kien tlesta sa nofs is-sena 1998 u dan skond kuntratt esebit u mmarkat bhala Dok. 'A' u 'B'.

Sadanitant kienu qed jistennew sabiex johorgu l-permessi ghas-sulari ta' fuq u meta effettivament hargu, huma regghu tkomplew bix-xoghol u dan kien f' Novembru 1999.

Jiftakar li lejn l-ahhar ta' Novembru 1999, waqt li kien id-dar, kienu cemplulu tal-Globe w infurmawh li kien diehel l-ilma ghandhom. Kienet niezla xita bi qliel. Huwa nizel fuq il-post mal-Perit David Pace. Dak il-hin wasal is-Sur Chircop u qallu li fil-lukanda Kennedy Nova kien diehel l-ilma. Huwa mar fil-lukanda u kkonstata flimkien mal-Perit, li kien hemm sinjali ta' tixrib ma parti mis-saqaf tar-*reception*, mas-suffett u cioe dik il-parti li tigi appogg mal-bini tal-Globe. Ghalkemm huwa rrimarka li kienet xi haga negligibbli. Qal li dik il-maltempata li ghamlet fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 1999, kienet wahda fejn kwazi dahal l-ilma ghand kulhadd. Huwa kien tela' fuq il-bejt tal-Kennedy Nova Hotel u ra li l-*pool* tal-lukanda kien far u l-bejt kien bl-ilma. Qal li kien hemm ukoll *complaint* minn tas-socjeta Globe u l-Perit Pace kien zamm access ghandhom kif jirrizulta mir-rapport tas-sbatax (17) ta' Jannar 2000.

Sostna li s-Sur Chircop baqa' jilmenta u jghidlu li kellu hsara f'uhud mill-*guest rooms* u sahansitra anke ittra ircieva mill-avukat tieghu Dr. Manduca (Dok. PM 1) u dwar dan kien sorpriz, ghaliex dakinhar tal-access, Chircop ma kien semma xejn minn dan. Qal li skond ir-

rapport tal-Perit Pace datat l-ewwel (1) ta’ Marzu 2000, il-hsara fil-*guest rooms* kienet negligibbli u li fil-fatt setghet giet rimedjata billi jkun hemm tibjida u qallu li ma kienx konvint li l-hsara kienet attribwibbli ghas-socjeta tieghu.

Ikkonferma li kull korrispondenza li kien jircievi kien jibghatha ghand is-socjeta assiguratrici GasanMamo u qal li s-socjeta Globe qatt ma hadet passi kontra taghhom. Qal li l-unika hsara li jaf biha, hija dik li ra fir-*reception* tal-lukanda u dik li qallu biha l-Perit Pace. Jghid li meta kien mar fuq il-post, ma kien ra l-ebda hsara fil-mirja.

Huwa esebixxa wkoll ittra tal-Perit Pace tad-disgha (9) ta’ Lulju 2000 li minnha wiehed jista jiddeduci li bejn il-bini addizzjonali li kienu qed jaghmlu u l-bini ta’ taht, kien hemm *membrane*. Inoltre zied ighid li kienet ir-responsabilita tal-Globe li jissigillaw l-bini taghhom sal-ewwel hames sulari.

Il-**Perit David Pace** xehed permezz t’affidavit li gie esebit permezz ta’ nota datata tlieta w ghoxrin (23) ta’ Mejju 2006, liema affidavit gie mmarkat bhala Dok. DP (1sa 3). Huwa kkonferma li kien il-Perit li kien inkarigat mis-socjeta DA Holdings sabiex jiehu hsieb il-blokka bini li kienet qed titla f’The Strand, Gzira. Jghid li l-parti ta’ isfel kienet okkupata minn Globe u kien qed isir bini ta’ xi sulari addizzjonali, kif hemm deskritt fir-rapport tieghu tas-sbatax (17) ta’ Jannar 2000 immarkat bhala Dok. DP 1. Qal li f’Novembru 1999 kien cempillu Stephen Delicata w infurmah li kien hemm ilment minn Globe dwar dhul ta’ ilma u huwa mar fuq il-post. Jghid li lment kien hemm ukoll minn Anthony Chircop tal-Kennedy Nova Hotel. Infatti jghid li mar diversi okkazzjonijiet u hejja tlett rapporti, wiehed minnhom dak imsemmi u mmarkat bhala Dok. DP 1 u t-tnejn l-ohra li gew esebiti bhala Dok. DP 2 u DP 3 (fol. 159 – 161).

**John Rotin** xehed permezz t’affidavit li gie esebit mis-socjeta attrici permezz ta’ nota nhar il-hmistax (15) t’Ottubru 2007. Jghid li huwa jahdem mas-socjeta Rotin Decorations Limited bhala Works Manager. Qal li jiftakar li lejn l-ahhar ta’ Novembru kien avvicinah Tony Chircop u

kien talbu sabiex jispezzjonalu xi *stone cladding* fil-lukanda Kennedy Nova ghaliex kellu xi hsarat. Qal li l-hsarat kienu fil-*ground floor level* u jiftakar li kien hareg numru ta’ *quotations* li huma mmarkati bhala Dok. JR 1, JR 2 u JR 3. Jghid li l-ammonti f’dawn id-dokumenti jvarjaw peress li wara l-ewwel *quotation* immarkat bhala Dok. JR, kien sar il-kejl ezatt tax-xoghol u l-ammont kien gie rivedut. Ikkonferma li x-xoghol kif deskritt fil-*quotations* gew maghmula mill-kumpanija Rotin Decorations Limited fis-sena 2000 u kienet inharget *invoice* kif indikat fid-dokument JR 2. Ikkonferma li tax-xoghol li ghamlu, kienu thallsu u jekk mhux sejjer zball fl-ammont ta’ ‘l fuq minn erbat elef lira Maltin (LM4,000).

**Gaston Degiovanni**, *Surveyor*, xehed permezz t’affidavit, li gie pprezentat seduta stante nhar il-hmistax (15) ta’ Ottubru 2007 u qal li ghamel zmien jahdem ma MSB Valletta Limited. Jghid li kien gie nkarigat mis-socjeta assiguratrici GsanMamo Limited in konnessjoni ma *claim* rigward incident li sehh bejn t-tmienja w ghoxrin (28) w id-disgha w ghoxrin (29) ta’ Novembru 1999. L-assigurat taghhom kien DA Holdings Limited. Ghall-ewwel qal li kien ser jinvestiga *claim* li saret minn Globe, izda wara gie nfurmat li kellu jinvestiga *claim* tal-lukanda Kennedy Nova li hi appogg mal-bini fejn kien hemm il-Globe u ma bini gdid li kien qed jinbena minn DA Holdings.

Huwa gie moghti id-dokumentazzjoni kollha realttiva ghal din il-*claim* w imbaghad hass li kellu jibghat ghal-klijent u cioe is-socjeta konvenuta, Steven Delicata u l-Perit David Pace. Sar *meeting* fit-tmintax (18) ta’ Jannar 2000 fejn tawh *briefing* ta’ x’kien sehh dakinhar. Wara dan il-*meeting,* fuq suggeriment taghhom, l-insurance anke inkarigaw lill Perit Alfred Grech u jaf li mar *on site* nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta’ Jannar 2000. Qal li kellu lment li kien hemm xi kmamar li ma kienux qed jintuzaw minhabba l-hsara u kien istruwixxa lil-Perit Grech u lill-Perit Pace sabiex jaghmlu *surprise inspection* u fil-fatt hekk ghamlu w irrizultalhom li ma kienx dak li gie rapportat. Wara li gara hekk, bdew jesprimu dubju fuq l-entita tal-*claim* dwar il-hsarat reklamati mill-lukanda. Il-Perit Grech kien hareg rapport u stima nhar id-disgha (9)

ta’ Marzu fejn dehrlu li l-*claim* kienet tammonta ghal LM598. Huwa ghalhekk kien kiteb lil Dr. Manduca l-ghada u baghtlu kopja ta’ dan ir-rapport. Izda fl-ahhar t’Awissu, Dr. Manduca baghtlu lura rapport tal-Perit Mintoff datat disgha (9) ta’ Gunju 2000.

Huwa rega’ mar fuq il-post nhar it-tnejn (2) ta’ Novembru 2000 b’diffikolta kbira u rrilaxxja s-*survey* tieghu nhar it-tlettax (13) ta’ Novembru 2000. Jghid li ‘n segwitu nzammu xi *meetings* addizzjonali u nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Frar 2001, il-Perit Alfred Grech hejja rapport addizzjonali, u fih wasal ghal konkluzjoni li l-kumpens totali kien ta’ LM2,085. Dan is-*survey* sar fil-presenza ta’ rapprezentant tal-lukanda.

Jikkonferma li meta mar fuq il-post, ma gie muri l-ebda mirja li kienu miksura u hadd ma kien gibidlu l-attenzjoni ghal dan il-fatt. Huwa mexa fuq it-tmien punti li kien semma il-Perit Mintoff fir-rapport tieghu tad-disgha (9) ta’ Gunju 2000.

Sussegwentement kien gie nfurmat li l-MiddleSea kienet baghtet itttra ufficcjali fit-tmienja (8) ta’ Novembru 2001 kontra DA Holding fejn talbu hlas tas-somma ta’ Lm3,979 u fil-fatt kien kiteb lil Alcare Insurance Agency Limited biex jaghtuh *breakdown* ta’ kif waslu ghal din is-somma w eventwalment baghtulu kopja tar-rapport li kien hareg Chris Hayes fis-sbatax (17) ta’ Dicembru 2001. Huwa mbaghad kiteb lil GasanMamo Insurance fejn ta l-kummenti tieghu fuq dan ir-rapport, li fil-fatt dehrlu li f’dan ir-rapport ma kien hemm xejn li biddel l-opinjoni li kien ta qabel. Qal li l-Alcare ma kienux baghtulu r-rapport shih billi pagna tnejn (2) kienet nieqsa, izda din giet mibghuta lilu aktar tard, dan nonostante pero, huwa rribadixxa l-istess opinjoni tieghu kif jidher fl-ittra ta’ l-ewwel (1) ta’ April 2002.

Ghar-rigward il-mirja jghid, li Anthony Chircop kien talab LM1,1750, izda fir-rapport ta’ Chris Hayes tas-sbatax (17) ta’ Dicembru 2001 hemm indikazzjoni li Chris Hayes m’ accettax din is-somma shiha, izda accetta li l-kumpens ghandu ikun fl-ammont ta’ LM1,160. Jinnota wkoll li fir-

rapport tal-Perit Camilleri hemm imnizzel li l-kumpens ghal kwistjoni tal-mirja ghandha tkun LM700.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-ewwel (1) ta’ Lulju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn u cioe qabel ma tidhol u tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz in dezamina, din il-Qorti sejra telenka ‘n materja ta’ provi r-regoli li ghalija huma l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku.

I. Ibda biex, ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-esistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta’ l-attur (*reus excipieno fit actor).* (Ara Kollez. **Vol. XLV1 p 1 p 5.)**

2. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘*jista ikun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta*.’ (**Kollezz. Vol. XXXV11 p 1 p 577).**

3. Il-gudikant, adit mill-mertu tal-kaz, hu tenut jiddecidi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri minn dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-provi, ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju ‘n kwantu timponi fuq il-gudikant, il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat m’huwiex veru ghax mhux ippruvat.

4. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-appezzament tar-rizultanzi probabtorji w

allura, hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar atendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment, dik id-diskrezzjoni tieghu, hi soggetta ghal dak il-limitu legali mpost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jrid li fis-sentenza, tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku.

5. Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu, imqar 'prima facie', jistabilixxi t-tezi tieghu li mbaghad il-piz tal-prova jisosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn **Phipson on Evidence** 11th Edition para 103 '*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evience sufficient to raise a prima faccie case*.' L-istess awtur jispjega ukoll (op. Cit. Para 91) illi r-regola '*ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*.'

Ferma din l-introduzzjoni, bla dubbju l-kwistjoni hawn sottomessa hija essenzjalment wahda li tiddependi mil-valur u mill-kedibilta li trid tinghata lil-provi istruttorji hawn migbura. Valutazzjoni din, li necesarjament trid tkun wahda globali fil-kwadru t'investigazzjoni unitarju w organiku.

Mill-elementi tal-provi proceduralment akkwiziti, din il-Qorti trid tissenjala dawn il-fatti ta' sustanza.

1. Illi mhuwiex kontestat li bejn it-tmienja w ghoxrin (280 w id-disgha w ghoxron (29) ta' Novembru 2008, kien hawn maltempata u minhabba x-xita qawwija li nizlet, dahal xi ilma fil-lukanda Kennedy Nova Hotel.

2. M’huwiex kontestat li bejn l-hajt tal-Kennedy Nova Hotel u l-hajt ta’ appogg, li jappartjeni lil terzi fejn kien isir xi kostruzzjoni, kien hemm *gap* fis-saqaf.

3. Mhux kontestat ukoll li bhala rizultat l-Kennedy Nova Hotel sofriet danni kawza ta’ dawn l-ilmijiet u fil-fatt fl-eccezzjonijiet prezentati mis-socjeta konvenuta, ma jidhirx li qed tikkontesta r-responsabilita ghal dawn il-hsarat.

4. Li hu kontestat, huwa l-*quantum* ta’ dawn il-hsarat, stante li hemm nuqqas ta’ qbil bejn ir-rapporti varji tal-periti.

Jinghad li s-socjeta attrici kienet baghtet il-Perit taghha sabiex jara in-natura tal-hsarat u kif effettivament gew kagunati u kemm hu l-valur taghhom.  Ghal dan il-ghan kienet baghtet lil Perit Dennis Camilleri u dan kien ikkonkluda li l-hsarat li gew kawzati minhabba li dahal l-ilma mis-*site* adjacenti proprjeta tas-socjeta konvenuta, kienu jammontaw ghal LM4032.50 eskluz l-VAT.  F’dan l-ammont hemm ukoll konsiderazzjoni li giet moghtija ghal fatt li allegatament kien hemm numru ta’ kmamar li ma kienux qed jintuzaw.

Illi jirrizulta wkoll li kienet baghtet lil Chris Hayes mis-socjeta St. Pauls Survey Company Limited sabiex ihejji *survey* u dan jinsab inserit fl-atti u mmarkat bhala Dok. MS 1 li jindika l-hsarat fl-istess ammont reklamat fir-rikors promotur fl-ammont ta’ LM3,979.

John Lentini, rapprezentant tal-Alcare, jikkonferma li l-lukanda Kennedy Nova Hotel kienet koperta b’polza ta’ assigurazzjoni ghal Storm Damage u kien ghalhekk li ghamlu l-*claim* relattiva’ mas-socjeta u li ‘n segwitu baghtu lis-*surveyor* Chris Hayes.  Jikkonferma li s-socjeta Alcare kienet hallset lil Kennedy Nova Hotel l-ammont kif indikat fir-rikors u cioe dak ta’ LM3,979, kif jirrizulta mid-Dok. JL 1 esebit a fol 70 tal-atti.  Jghid li huma bbazaw il-hlas taghhom fuq zewg binarji, il-hsara fil-*cladding* u fit-tieni lok il-hsara fil-mirja.

Is-socjeta konvenuta minn naha taghha, tghid li l-ammont huwa ezagerat u dan ghaliex il-Perit taghha il-Perit David Pace u l-Perit Gech hargu rapport fejn indikaw il-hsarat f'ammont izghar. Fil-fatt is-socjeta konvenuta tghid li ma kienitx taf li l-Kennedy Nova Hotel sofriet xi hsarat fil-mirja taghha, dan nonostante li fl-atti hemm ittra mmarkata bhala Dok. CSH a fol 197, indirizzata lil GasanMamo Insurance Agency fl-erbatax (14) ta' Dicembru 2000 minghand Chris Hayes. Jirrizulta ukoll li l-istess Chris Hayes kien informa lis-socjeta GasanMamo b'ittra datata hamsa (5) ta' Frar 2001, esebita a fol. 198, wara li kien ghamel referenza ghall-ittra tieghu precedenti Dok. CSH, li kien bi hsiebhom jibdew bix-xoghlijiet.

Illi l-Periti Pace u Grech pero t-tnejn jghidu fir-rapporti taghhom, li verament kien hemm l-ilma diehel fil-lukanda u li effettivament kien hemm tbajja mal-hitan. Qalu li ma gewx murija mirja miksura. Dan jista ikun minnu, pero xorta jirrizulta li s-socjeta GasanMamo kienet taf b'dawn il-hsarat skond l-ittra esebita fuq indikata. Ghalhekk jekk is-socjeta GasanMamo ma qablitx ma din l-ittra, messha baghtet il-Periti taghha jikkonfermaw il-kontenut taghha. In effetti, ebda perit minn dawn ma jghid li kien imqabbad sabiex jara jekk verament kienx hemm hsara fil-mirja. Jghidu biss li ma kienx minnu li kien hemm xi kmamar li ma ntuzawx. Din il-kwistjoni mhiex *in ballo* ghaliex il-Kennedy Nova Hotel ma gietx kompensata ghal din il-parti tal-*claim*.

Ma jirrizultax mill-atti li effettivament kien hemm xi allegazzjoni li l-kalkoli li saru mis-*surveyor* li fuqhom thalset il-Kennedy Nova Hotel, kienu zbaljati, ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta hemm referenza li tali survey huwa wiehed esagerat, prova pero sabiex tali allegazzjoni hija sostnuta, m'ingabitx. Jirrizulta li effettivament is-socjetajiet Mirya Limited u Rotin Decorations Limited verament thalsu ghax-xoghol taghhom u ghalhekk zgur li ma hemmx xi arrekament *in debito*.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta**

**attrici, liema hsarat gew kagunati minhabba dhul tal-ilma fil-lukanda Kennedy Nova u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' LM4,330 ekwivalenti ghall-10,086.19 Euro, rapprezentanti 'n kwantu ghas-somma ta' 9268.58 Euro (LM3,979), danni li gew kagunati fil-lukanda Kennedy Nova w in kwantu ghal 817.61 Euro (LM351), rapprezentanti l-hlasijiet li saru lis-*surveyor*.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza u l-imghax skond il-ligi jithalsu mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------